MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Numru. 115/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**ROGER XUEREB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ROGER XUEREB** bin Joseph u Rita nee Debono, residenti Flat 2, 'Old Trafford', Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 24858G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-kwalita tieghu ta' direttur ta' Direttur ta'Xuereb Glass Company Limited (C23471) ta' Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, talli fil-hdax ta' Lulju 2003, u qabel din d-data, naqas li jhallas kumpens shih lil ex impjegat tieghu Peter Spiteri, ghal sahra mahduma matul

is-snin 2002 u 2003 f'total ta' sitt mija u hmistax punt sebgha w hamsin siegha li taghhom kellu jithallas l-ammont globali ta' elf tmien mija wiehed w ghoxrin lira u tmienja w disghin lira [LM1,821.98] u li minflok thallas l-ammont ta' elf mitejn u hmistax il-lira u erbgha w tletin centszmu, b'differenza ta' sitt mija u sitt liri u sitta w hamsin centemzu [LM606.56] .

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lil akkuzat ihallas lil Peter Spiteri is-somma ta' sitt mija u sitt liri u sitta w hamsin centemzu kif hawn spjegat hawn fuq.

Semghet lix-xhieda kollha migjuba u rat d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006.

Semghet lil **Peter Spiteri** jixhed nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2004, u jikkonferma l-kwerela minnu mibghuta lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi. Stqarr li huwa hadem mas-socjeta Xuereb Glass Co. Limited minn Marzu 2002 sa Lulju 2003. Mistoqsi x'kienu s-sighat tax-xoghol tieghu x-xhud wiegeb li kien jahdem mis-sebgha jew is-sebgha w nofs ta' filghodu sat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar bhala xufier bit-trukk. Spjega li kien anke jinzel Malta iqassam xi xoghol. Ix-xhud pero sostna li hu ghad baqalu jiehu s-somma ta' sitt mija u sitt liri u sitta w hamsin centemzu rappresentanti *overtime* ghas-snin 2002 u 2003. Meta thallas l-*overtime*, thallas bir-rata ta' siegha siegha minflok ta' siegha siegha w nofs u din hija fil-fatt l-kontestazzjoni tieghu.

In kontr'ezami nhar l-hamsa ta' Awissu 2004, ix-xhud gie mistoqsi jekk il-*waiting time* li kellu fl-iskarigg lejn Malta inkludihx fl-*overtime* dovut lilu u x-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Il-Qorti ezaminat l-ittra li baghad il-konsulent legali tal-imputat lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi datata dsatax ta'Awissu 2003 u dan bhala

risposta ghal ittra tad-Dipartiment fejn l-imputat gie mitlub ihallas l-ammont imsemmi fic-citazzjoni.

Id-difiza sostniet li hija m'ghandhiex thallas lil Peter Spiteri ghaliex il-hin li huwa kien jaghmel ta' skarigg fis-sens ta' *travelling*, m'ghandux jitqies li hu *overtime* ghaliex il-fatt ma jkun qed jaghmel xejn.

Il-Qorti ezaminat wkoll s-sentenza li ghamlet referenza ghaliha d-difiza u cioe dik moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta precedentement nhar t-tlettax ta' Marzu 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alice Debono** pero bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbel xejn maghha.

Il-Qorti f'dik is-sentenza dwar il-kwistjoni ta' stennija biex bniedem jivvjagga lura lejn Ghawdex wara li jkun spicca mix-xoghol effettiv f'Malta, m'ghandux jitqies bhala *overtime* ghaliex ma hemmx provvediment ad hoc fil-Kap 135.

Din il-Qorti rat l-Avviz Legali numru 98 tas-sena 1977 u l-paragrafu 8(1) tieghu jghid li:

*"Overtime is to be paid for all time worked in excess of the normal working hours."*

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2004, **xehed l-imputat** w ikkonferma li Peter Spiteri kien jahdem mieghu bhala *driver* u kien jiehu x-xoghol tas-socjeta minnu rappresentata Malta. Qal li hu kellu ftehim mal-imputat li jaghtih mitt lira paga aktar sabiex tkopri ghal eccess fis-sighat u ghal iskarigg, ghalkemm ftehim f'dan is-sens bil-miktub ma kellux. Ammetta wkoll li wara li Peter Spiteri kien jigi minn Malta, gieli kien jaghmel wkoll xi siegha xoghol fil-garaxx tieghu. Mistoqsi ghaliex fil-*pay slip* ta' Peter Spiteri hemm indikat hlas ta' *overtime* meta qal li *overtime* ma kienx ihallas, l-imputat qal li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb u li tali domanda kellha ssir lil *accountant* tieghu. Pero lil *accountant* tieghu ma ressqux jixhed.

Ikkunsidrat:

In linea preliminari d-difiza sostniet li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taqbel li azzjoni bhal din tkun preskritta bl-gheluq is-sena pero kollox jiddependi minn meta tibda tghaddi s-sena.

Illi f'dan il-kaz, s-sena tibda tiddekorri fit-tnax ta' Lulju 2004 u cioe sena wara l-ahhar jum tax-xoghol tieghu.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat gie notifikat bil-proceduri odjerni nhar t-tlettax ta' April 2004 w ghalhekk qabel ma skadiet is-sena w ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Id-difiza sostniet li almenu l-ammont dovut ghas-sena 2002, huwa preskritt.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma din l-linja tad-difiza ghaliex r-reat huwa wiehed kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 9 w ghalhekk iz-zmien tal-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 47 tal-Kap 452 tiddekorri mit-tnax ta' Lulju 2004.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok, d-difiza sostniet li l-imputat m'ghandux ihallas lil Peter Spiteri ghaliex l-artikolu 5 u 15 tal-Kap 452 ma jipprovdux ghal hlas ta' *overtime* izda ghal paga.

Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx ma din il-linja difensjonali ghaliex wara li rat d-definizzjoni tal-kelma 'paga', sabet li tfisser "rimunerazzjoni jew qligh li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull *bonus* li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull *bonus* jew *allowance* relatat ma l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni".

Illi ghalhekk l-*overtime* ghandu jitqies bhala parti mill-qligh li jaghmel haddiehor waqt l-impjieg tieghu u b'hekk din d-difiza qed tigi michuda wkoll.

Id-difiza sostniet wkoll li l-imputat m'ghandux ihallas overtime lil Peter Spiteri ghaliex fil-fatt l-hinijiet li ghamel wara dawk normali tieghu, ma kienux *overtime* izda hinijiet ta' vjaggar.

Issa skond l-Avviz Legali numru 98 tas-sena 1977, artikolu 141, impjegat ikun intitolat ghal hlas tal-paga applikabbli ghaliex fil-hin kollu il matulu ikunm presenti fil-post tal-principal jw band'ohra, sakemm ma jkunx qieghed hemm f'wahda mic-cirkostanzi li gejjin:

a. minghajr l-permess tal-principal imfisser jew miftiehem;

b. ghal xi raguni li ma hiex konnessa max-xoghol tieghu u ma jkunx qed jistenna xoghol jigi moghti lilu x'jaghmel;

c. ghar-raguni biss tal-fatt li hu residenti hemmhekk;

d. matul l-hinijiet tal-ikel tas-soltu, f'kamra jew f'post fejn mhux qed jistenna xoghol jigi moghti lilu u jaghmel.

Illi mix-xhieda ta' Peter Spiteri li ma hiex kontestata mill-imputat, huwa kien jaghmel diversi sighat wara l-hinijiet normali in konnessjoni max-xoghol tieghu jistenna l-vapur biex jirritorna lura minn Malta w ghalhekk tali hinijiet ta' stennija ghandhom jitqisu bhala *overtime hours* peress li kienu jeccedu l-hinijiet normali tieghu u li kien qed jghamilhom bil-kunsens *tacitu* tal-istess imghallem.

Hawnhekk, il-Qorti taghmel referenza ghal zewg sentenzi moghtija mill-**Qorti Ewropeja** dwar *waiting hours* u cioe ***Sindacato de Medicos de Asistencia Publica [Sinap] u Consellerio de Sonidad y Consumo de la Generdidad Valenciano*** deciza fit-tlieta ta' Ottubru 2000 [C 303/98] u dik ta' ***Landeshaupskdt Kiel and Norbert Jaeger*** deciza fid-disgha ta' Settembru 2003 [Case No. 151/02] fejn gie deciz li d-*directive* 93/04 dwar hinijiet ta' xoghol :

*“Defines that concept as any period during which the worker is working, at the employer’s disposal and carrying out his activity or duties in accordance with national laws and/or practices.”*

Issa, skond l-artikolu 8(1)(c) tal-Avviz Legali 98/1977 ir-rata ta’ dawn is-sighat kollha mahduma ‘l fuq minn sitta w erbghin [46] f’gimgha wahda, ghandhom jithallsu bir-rata ta’ hin u nofs.

Il-Qorti thossa konvinta li l-imputat ma hallasx lil Peter Spiteri s-somma ta’ sitt mija u sitt liri u sitta w hamsin centemzu kif imfissra mid-dipartiment fl-ittra tieghu mibghuta lil imputat nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Lulju 2003 w ghalhekk, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 5, 15 u 45 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ROGER XUEREB hati u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta' mija u hamsin [150] lira maltin.**

**Oltre dan <u>tordna lil imputat ihallas lil Peter Spiteri is-somma ta’ sitt mija u sitt liri u sitta w hamsin centemzu [LM606.56] fi zmien hmistax [15] il-jum mill-lum</u>.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------